# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

ĠUNJU 1933] IT-TIELET SENA [Nru 28


## KLIEM ĠDID FIL-MALTI

Il-kittieba tal-Malti kollha kemm huma, li jridu jiktbu kif jixraq u mhux iħarbxu kif ġie ġie, bosta drabi jħossu ruħhom imfixklin u marbutin li ma jistgħux ifissru ħsebijiethom tajjeb minnħabba n-nuqqas ta' kliem. Kif jeħilsu minn dax-xkiel? Jew jinqdew bi kliem barrani li, barra milli ma jiftiehemx minn kullħadd, xi drabi aktar iħassar il-kitba, jew jinqdew bi kliem ieħor malti li jixbaħ fit-tifsir tiegħu l-kliem li jonqoshom, jew idaħħlu kliem ieħor malti, ġdid jew qadim, li jaqbel sewwa sew mal-ħsieb ta' moħħhom. Il-kittieba għandhom kullħadd fehimtu, u għalhekk irridu ngħidu aħna wkoll fehmitna kemm lil dawk li ma jaqblux magħna, kemm lil dawk li jridu jimxu magħna.

L-ewwelnett, il-kliem barrani għandu jidħol fil-Malti meta jinħtieġ u kemm jinħtieġ; iż-żejjed huwa ħażin.

It-tieni ma jagħmlux tajjeb dawk il-kittieba li, meta ma għandhomx jew ma jsibux il-kelma li jridu, jinqdew b'oħra li ma tfisserx sewwa l-ħsieb tagħhom. B'hekk juruna ħaġa b'oħra; b'hekk il-ħsieb jitlef lewnu, jiddennes, jitgħajjeb, u l-ħass tal-qalb, li l-kittieb irid iqanqal f'qalb ħaddieħor, jitlef il-qawwa tiegħu, jibred, jitmewwet.

Fl-aħħar, jagħmlu aħjar dawk il-kittieba li biex ma jtiefsux il-ħsieb tagħhom, jinqdew bi kliem qadim u minsi jew ġdid u msawwar minnhom dak il-ħin. Iżda dawn ukoll jistgħu jagħltu, l-aktar fit-tiswir ħażin tal-kliem. U għalhekk biex inwittu u ndawwlu t-triq lill-kittieba ż-żgħażagħ, natu dawn it-twissijiet:

Il-kliem qadim għandhom jibqgħu jinqdew bih kull meta jinħteġilhom u kull meta jiswielhom aħjar minn kliem ieħor aktar mexxej. Dan il-kliem hu tagħna, konna ngħiduh dari, u jekk il-lum inqata' minn fomm il-kotra, għadu ħajj fil-kotba bħala

bicċa minn ilsienna. Imma l-kliem ġdid irid għaqal kbir biex jidħol fil-Malti. Mhux billi l-kelma hi mfassla fuq l-ingliż jew fuq it-taljan, jew tħossha togħġbok fil-widna, b'daqshekk nistgħu ndaħħluha fil-Malti. Kull kelma ġdida għandha tkun imfassla u msawwra kif jitlob il-lsien Malti. Hekk minn *belt* nistgħu nagħmlu : *bellet=għammar fil-bliet, bena bliet; tbellet=beda jgħix bħan-nies tal-ibliet,* u għalhekk nistgħu ngħidu: *ir-rħula ta' Malta qegħdin jitbelltu kollha.* Minn *waqt* nistgħu nagħmlu: *waqqat=ta' l-waqt għal xi ħaġa,* hekk: *il-laqgħa tagħna mwaqqta (=iffissata) għal nhar it-Tnejn.* Minn *feraq* nagħmlu *mifraq=fejn it-triq tinferaq fi tnejn.* Minn *leħen* nagħmlu *leħħen=qara bil-kantilena,* hekk: *ir-rħieb ileħħnu l-uffizju.* Minn *għallem* noħorġu l-kliem: *għilm=xjenza, għilmi=tax-xjenza (xjentifiku), għalim=xjenzjat, għaref.* Nistgħu wkoll noħorġu għamliet ġodda ta' verbi billi ntawwlu l-ewwel vokali u nżidu *t* meta rridu nfissru għamil bejn tnejn, hekk: *tkieteb, tkietbu* (minn *kiteb) =kitbu lil xulxin; tfietaħ, tfietħu* (minn *fetaħ) fetħu qalbhom ma' xulxin; tgħârfu=għarfu lil xulxin; tħârsu=ħârsu lejn xulxin.* U kliem bħal dan, li hu Malti sa ruħu, nistgħu ndaħħlu bil-mijiet u bih nagħnu u nkabbru lsienna w-aktar insebbħu u nħaffu l-kitba.

Imma xi ħadd jaqbeż igħid: Kliem li ma ngħiduhx, kif nistgħu niktbuh ? Inwieġbu: Bħalma jiktbu f'ilsna oħra kliem li ma jgħiduhx u li ħafna ma jifhmuhx. Il-kitba hi xogħol tal-moħħ. Il-moħħ jaħseb, jagħraf u jħoss dak li jrid ifisser, u l-kitba għandha tkun il-mera li turina ħsieb il-kittieb kif inhu f'moħħu bla ebda tinqis u bla ebda tibdil. Għalhekk il-kittieb għandu l-jedd isawwar u jdaħħal kliem ġdid kull meta jinħtieġlu biex ifisser il-ħsieb tiegħu safi. Hekk kibru u hekk għadhom jikbru l-ilsna kollha, jiġifieri, bil-ħedma tal-moħħ u bil-kliem ġdid meħtieġ għat-tifsir safi ta' ħsieb-il-kittieb.

Mela ħadd ma jitmeżmeż jekk jaqra fil-kitba tagħna jew f'kitba oħra xi kelma ġdida. Iżda, biex nerġgħu għal li għidna fuq, jaħtieġ li kull kelma ġdida tkun imsawwra kif irid il-Malti biex tkun taqbel miegħu u ssir bicċa minnu. Għalhekk inwissu lill-kittieba ż-żgħażagħ li ma jittarfux żejjed fit-tiswir ta' kliem ġdid, iżda li jimxu kemm jista' jkun wara min hu aħjar minnhom.